MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 126/2009

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. ILLI l-partijiet isseparaw permess ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat erbatax ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (14/11/2005) Dok "A":

*2.* ILLI a tenur tal-artikolu erba (4) tal-istess kuntratt ta' separazzjoni l-komparenti A B obbliga ruhu illi '*sakemm hu ikun impjegat bi qliegh, ihallas is-somma ta' sittin Lira Maltin (LM 60) fil-gimgha bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-mara.'*

3. ILLI c-cirkostanzi finanzjarji tar-rikorrent tbiddlu billi iddeterjoraw mid-data tal-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni sal-lum, hekk kif ser jigi ippruvat ahjar bi prova dokumentarja fil-mori tal-kawza, b'konsegwenza illi l-esponent mhux f'posizzjoni finanzjarja illi ikompli ihallas l-istess ammont ta' manteniment hekk patwit;

4. ILLI l-esponent gie awtorizzat illi jipprocedi f'din l-istanza permezz ta' Digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) anness u mmarkat Dok "B";

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi :

1. Tiddikjara li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-esponent inbiddlet billi huwa m'ghadx ghandu l-istess introjtu u qliegh ta' meta l-partijiet iffirmaw l-kuntratt ta' seprazzjoni ta' bejniethom datat 14 ta' Novembru 2005 redatt minn Nutar Dottor Ian Spiteri;

2. Konsegwentement tvarja u tordna t-tnaqqis fl-ammont ta' manteniment illi l-esponent obbliga ruhu illi ihallas lill-martu skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni datat 14 ta' Novembru 2005 in atti Nutar Dottor Ian Spiteri.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-intimata li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-azzjoni imressqa mill-attur hija guridikament improponibbli billi hawn si tratta ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali u per konsegwenza japplika l-principju ta' 'pacta sunt servanda' fil-konfront tal-attur;
2. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi l-attur ghadu f'impjieg u bi qliegh a tenur ta' klawsola numru erbgha (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni

konsenswali u ghalhekk m'hemm l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn dan ghandu jigi varjat;

3. Illi ma tezisti l-ebda bdil fic-cirkostanzi minn anqas minn erba' snin ilu 'l hawn li timmerita li jkun hemm xi tip ta' revizjoni tal-manteniment li ntrabat li jaghti l-attur lill-konvenuta;

4. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi gew prodotti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex tiddikjara li r-rikorrent m'ghadux f'qaghda finanzjarja li jissodisfa l-obbligi tieghu hekk kif naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejnu u l-intimata, liema kuntratt gie redatt fl-Atti tan-Nutar Ian Spiteri datat l-14 ta' Novembru 2005[1] u konsegwentement tvarja u tordna t-tnaqqis fl-ammont ta' manteniment illi l-istess rikorrent obbliga ruhu li jhallas *ai termini* tal-istess kuntratt.

Min-naha taghha l-intimata topponi ghat-talba hekk kif proposta abbazi tal-principju *pacta sunt servanda* kif ukoll abbazi tal-fatt li l-istess rikorrent ghadu f'impjieg bil-qliegh u konsegwentement, il-klawsola in kwistjoni ghadha applikabbli u konsegwentement il-manteniment jibqa' dovut. L-intimata tghid ukoll li ma kien hemm ebda cirkustanzi li jimmeritaw xi tip ta' revizjoni tal-manteniment li huwa marbut bih ir-rikorrent.

[1] Liema kuntratt ta' separazzjoni huwa esebit a fol 3 tal-proċess

**Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Illi il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghall-klawsola numru erbgha (4) tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni u li jidher li wasslet ghall-proceduri odjerni li tghid hekk:

“***Ir-ragel qed jintrabat illi sakemm hu jkun impjegat bi qliegh, ihallas is-somma ta’ sittin Lira Maltin (Lm60) fil-gimgha bhala manteniment ghall-bzonnijiet tal-mara. Salv ghal dak li ghadu kif inghad, il-partijiet jaqblu li l-ammont ta’ manteniment hekk stabbilit f’dana l-Artikolu hu definittiv u mhux rivedibbli***”;

L-argument li jgib ir-rikorrent huwa dak li c-cirkustanzi tal-hajja tieghu nbidlu b’tali mod li prezentement mhux f’qaghda li jhallas il-manteniment ta’ martu hekk kif obbliga ruhu li jaghmel permezz tal-kuntratt ta’ separazzjoni vigenti bejniethom. Fl-affidavit tieghu hu jiddikjara li ghadu jahdem bhala *distributor* mal-General Soft Drinks izda jghid li l-introjtu tieghu naqas drastikament peress li tilef il-*commission* fuq il-gbir tal-hgieg. Huwa jipprezenta wkoll dokument, precizament prospett ta’ infieq abbazi ta’ xahar[2]. Il-Qorti mill-ewwel tinnota u ma tistax ma tirrimarkax li r-rikorrent ghadu impjegat u dan ovvjament bi qliegh. Jigi nnutat ukoll li apparti l-ispejjez ghat-trakk u l-vettura separata kif ukoll l-ispejjez tal-ikel, huwa jnizzel is-somma ta’ €465.87 fi spejjez tal-hajja. Il-Qorti thoss li dan l-ammont huwa wiehed esagerat tenut kont tal-fatt li l-ikel, il-petrol, id-diesel, it-taxxi u l-bolla, l-insurance u l-licenzja m’humiex inkluzi f’dan l-ammont. Barra minn hekk, il-Qorti taghmel referenza wkoll ghax-xhieda *viva-voce* tal-istess rikorrent[3] kif ukoll ghad-diversi dokumenti annessi mal-affidavit tieghu[4] u li permezz taghhom juri li huwa ghandu introjtu minn *partnership* li huwa ghandu ma’ Paul Galea.

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghan-nota prezentata mir-rikorrent[5] u li permezz taghha jikkontendi li ma jistax

[2] Liema prospett huwa esebit a fol 19 tal-process
[3] Datata l-15 ta’ Marzu 2010 (ara a fol 68 tal-process)
[4] Ara a fol 20 - 60 tal-process
[5] Esebita a fol 78 tal-process

ikompli jhallas il-manteniment hekk kif stipulat minhabba l-ispejjez li huwa ghandu, u dan apparti dawk li kienu diga' konfermati minnu permezz tal-prospett imsemmi u anness mal-affidavit tieghu. A rigward tal-imsemmija nota u d-dokumenti annessi, il-Qorti tirrileva li kwantu ghad-dejn fuq il-vettura li nxtrat minghand Michael Debono Ltd, din tirrisali ghal data sussegwenti ghall-kuntratt ta' separazzjoni u ghalhekk, ir-rikorrent certament kien konxju mill-obbligi tieghu naxxenti mill-istess kuntratt ta' separazzjoni. L-istess jista' jinghad ghad-dejn ma' Doris Micallef[6] u ghalhekk, kwalunkwe kambjament fil-posizzjoni finanzjarja tar-rikorrent relatata ma' dawn il-fatti hija certament attribwibbli lill-istess rikorrent. L-istess argument huwa applikabbli ghall-provi dokumentarji migjuba mir-rikorrent permezz tar-rapprezentant tal-HSBC u dan *stante* li mill-istess xhieda jirrizulta li r-rikorrent ghamel *loan* fl-20 ta' Frar 2010[7]. Ghal darba ohra, jerga' jinghad li din il-*loan* giet fis-sehh wara l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni u konsegwentement, ir-rikorrent kien ben konxju mill-obbligi tieghu versu l-intimata. Barra minn hekk, il-Qorti taghmel referenza wkoll ghan-nota ta' sottomissjonijiet intavolata mill-istess rikorrent fejn wara li jaghmel referenza ghad-dokumenti msemmija aktar 'il fuq, jasal ghall-konkluzjoni li huwa ghandu introjtu ta' €1818.20 fix-xahar[8]. B'tali dikjarazzjoni maghmula mir-rikorrent stess, il-Qorti ssibha ferm difficli jekk mhux kwazi impossibbli sabiex tapplika l-argument migjub mir-rikorrent u cioe' li kien hemm bdil ta' cirkustanzi b'mod li ma jistax ihallas dan l-ammont ta' manteniment, anke is-somma in kwistjoni m'hijiex wahda konsiderevoli.

Il-Qorti tirrileva wkoll li l-fatt li r-rikorrent jghix mal-*partner* tieghu m'ghandu ebda rilevanza fil-kawza odjerna u mal-obbligi tieghu naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni u dan ghaliex minkejja l-ispejjez li huwa jinkorri mal-istess *partner*, dan bl-ebda mod ma jista' jfisser li ghandu d-dritt li jnaqqas il-manteniment dovut jekk mhux minhabba l-fatt li hu jkun waqaf mix-xoghol. Jidher li dan mhux il-kaz. Dan

---

[6] Ara Dok. JC4 esebit a fol 85 tal-process

[7] Ara Dok. HSBC 18 a fol 350 tal-process

[8] Ara n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mir-rikorrent nhar it-8 ta' Gunju 2012 (paġna 4)

qieghed jinghad anke fl-isfond tad-dikjarazzjoni tieghu ta' nhar l-20 ta' Gunju 2011[9] meta qal li jekk ma jgibiex zewg, huwa ser jieqaf jahdem. Tali dikjarazzjoni turi li r-rikorrent qieghed jipprova jaghmel minn kollox sabiex inaqqas, jekk mhux sahansitra jwaqqaf il-manteniment dovut lil martu ghaliex issa ghandu obbligazzjonijiet u *commitments* ohra.

Min-naha taghha l-intimata tghid li apparti dan il-manteniment m'ghandha ebda introjtu iehor ghaliex lanqas ma tircievi beneficcji socjali. Tghid ukoll li dan l-ammont ta' manteniment jintuza ghall-hajja u ghal ulied l-istess partijiet li ghalkemm huma maggorenni u jahdmu, jghixu taħt l-istess saqaf maghha u jikkontribwixxu €50 fix-xahar kull wiehed ghall-ghixien u ghalhekk il-manteniment li r-rikorrent ihallas huwa importanti sabiex tkompli tghix anke tenut kont li wara s-separazzjoni, zdiedu l-kontijiet u l-ispejjez li jridu jithallsu minnha.

Il-Qorti ma tistax ma tapplikax l-istess argument li jgib ir-rikorrent ghall-intimata, fis-sens li jidher car li c-cirkustanzi tal-hajja tal-istess intimata tbiddlu wara li gie ffirmat u konkluz il-kuntratt ta' separazzjoni u dan ghaliex kif jirrizulta mix-xhieda tat-tabib Dr. Kevin Cassar[10] fejn jispjega li minhabba mard serju, sieq l-intimata kellha tigi maqtugha. Ghalkemm dan qieghed jinghad fl-isfond tal-kawza, in vista tal-fatt li l-intimata ma ntavolat ebda kontro-talba ghal xi forma ta' awment mill-manteniment, il-Qorti hija marbuta bit-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors promotur.

Illi jidher car li l-mertu tal-kawza jdur fuq zewg binarji u cioe' l-allegat bdil ta' cirkustanzi da parti tar-rikorrent u li permezz tieghu qieghed jipprova jiggustifika t-talba tieghu ghal bdil fil-manteniment dovut, u l-principju ta' *pacta sunt servanda* applikabbli wara li l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet gie ffirmat u ppublikat. Il-Qorti tirrileva li l-klawsola in kwistjoni u cioe' klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejn il-partijiet citata aktar 'il fuq ma thalli ebda ombra ta' dubju dwar l-intenzjoni tal-

[9] Ara l-verbal tas-seduta quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Nadia Vella esebit a fol 483 tal-process
[10] Ara x-xhieda tieghu datata s-6 ta' Dicembru 2011 esebita a fol 512 tal-process

partijiet, u cioe' sakemm ir-rikorrent **jibqa' impjegat bi qliegh u cioe' sakemm ma jkunx waqaf jahdem** dan il-manteniment imsemmi ta' Lm60 ekwivalenti ghal €139.76 jibqa' jkun dovut lil martu. Ma taghmel ebda referenza ghal xi forma ta' bdil fic-cirkustanzi jew xi tnaqqis fl-introjtu tieghu u ghalhekk, ftit hemm x'wiehed izid mal-istess interpretazzjoni ta' din il-klawsola. F'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza ghall-principju legali *pacta sunt servanda* u ghall-Artikolu 992 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

"(1) ***Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom***.
(2) ***Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi***".

*Ai termini* tal-istess Artikolu, imbagħad issir referenza wkoll ghall-gurisprudenza relattiva ghall-principju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- **Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et** (deciza nhar it-30 ta' Mejju 2002 mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili) fejn gie ritenut li "***Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espress…li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda***";

- **Onor. Edgar Cuschieri nominee vs Perit Gustavo R. Vincenti** (deċiża nhar it-13 ta' Frar 1950 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell) fejn gie dikjarat li "***gjaladarba kuntratt ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet li jaghmluh, l-interpretazzjoni tieghu tinnecessita li wiehed jestraja minnu, skond ir-regoli maghrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti***";

- **Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino** (deciza nhar il-11 ta' Novembru 1997 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell) u

- **Raymond Vella, A Vella vs Neil Duffy, Kim Duffy** (deċiża nhar it-22 ta' Lulju 2010 mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar)

Fejn gie ritenut li "***l-qofol u pediment ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obligazzjoni sa' mill-bidu, cioe' ir-rationalis principium, huwa l-pacta sunt servanda***";

- **Frank Salt Real Estate Limited vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Sullivans Limited** (deċiza nhar it-8 ta' Jannar 2010 mill-Onorabbli Qorti tal-Appell), b'referenza ghal Artikolu 992 tal-Kap. 16 citat aktar 'il fuq gie ritenut li "***strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-ligi tenfasizza l-kuncett illi dak il-kuntratt ma jistax jigi rizolut, in linea ta' principju, bis-semplici volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin fil-ligi***".

Illi il-Qorti thoss li m'ghandhiex ghalfejn tidhol f'aktar dettal dwar l-intenzjoni tal-partijiet fil-kaz odjern u kif tali intenzjonijiet ghandhom jigu rispettati u dan ghaliex il-klawsola numru erbgha (4) tal-kuntratt hija cara u ma thalli ebda ombra ta' dubju dwar kif ghandha tigi interpretata kif wara kollox diga' gie spjegat aktar 'il fuq.

Fid-dawl tal-gurisprudenza hawn fuq citata kif ukoll fid-dawl tal-fatt li r-rikorrent ghandu b'introjtu hekk kif dikjarat minnu stess ta' €1818.20 fix-xahar, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni li r-rikorrent ghadu f'posizzjoni finanzjarja li jhallas il-manteniment dovut lill-intimata ghaliex il-bdil fic-cirkustanzi allegati minnu zgur li jammontawx ghal tali li jwasslu ghal sitwazzjoni fejn kwazi r-rikorrent ma jkunx jista' jhallas dan l-istess ammont (u dan ghal ragunijiet li mhux imputabbli lilu) kif ukoll abbazi tal-patt u l-ftehim li l-partijiet ghandhom vigenti bejniethom.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tichad it-talbiet tar-rikorrent fl-*intier* taghhom u tiddikjara li l-manteniment hekk kif stipulat fil-kuntratt ta’ separazzjoni vigenti bejn il-partijiet redatt fl-Atti tan-Nutar Ian Spiteri u datat l-14 ta’ Novembru 2005 ghandu jibqa’ jithallas mill-istess rikorrent.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------